**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 37 – 7 t' Awwissu 2014**

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis 6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda numru 37. Il-laqgha bdiet fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Vici-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| **Skuzati:** | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| **Assenti:** | Hadd | |
| **Pubbliku:** | Is-Sur Andrew Micallef u s-Sinjorina Dorianne Pace | |
| **Ufficjal prezenti:** | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Alfred Grixti ippropona li l-minuti ta' Agenda nru 36 jigu approvati kif ipprezentati lill-Kunsilliera kollha. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti u l-Kunsilliera Philip Said, Catherine Sammut, u Cain Grech

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** il-Vici-Sindku Thomas Agius peress li kien skuzat fil-laqgha ta' qabel.

Il-minuti gew approvati (159).

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsilliera Catherine Sammut saqsiet jekk fl-2014, kienx qed jigi kkommemorat xi anniversarju ta' Francesco Saverio Sciortino, minhabba li fil-laqgha numru 36, kien hemm suggeriment li fil-gimgha ta' jum Haz-Zebbug ikun hemm lejla ddedikata ghal dan il-pittur.

Il-Kunsillier Cain Grech qal li l-Malta Enterprise qed torganizza attivita bit-tema 'Business First' sabiex tinghata spinta lill-artigjanat, u ghaldaqstant il-Kunsill jista' joffri ruhu sabiex din l-attivita tibda gewwa Haz-Zebbug.

2.2 Il-Kunsillier Cain Grech saqsa xi zvilupp sar fil-laqgha tar-regjun dwar is-CCTV cameras. Is-Sindku wiegeb li dan l-investiment inizjali ser ikun jiswa xi haga zghira fuq l-Eur2100 li Eur2,000 minnhom ser jinghataw mir-Regjun. Saret kommunikazzjoni mar-Regjun sabiex jigi stabilit jekk dawn il-filmati migbuda minn dawn il-cameras jistghux jintuzaw bhala evidenza fil-Qorti.

Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li jekk il-filmati migbuda minn dawn il-cameras jistghu jintuzaw bhala evidenza fil-Qorti ghandhom jinxtraw sitt cameras ohra, filwaqt li ghandu jsir negozjar mar- Regjun sabiex jinghataw prezzijiet ahjar ghas-servizz ta' l-Internet u l-Enemalta li huma mehtiega abiex tithaddem din is-sistema.

Ghaldaqstant is-Sindku Alfred Grixti ippropona li abbazi li r-Regjun jaghti lill-Kunsill bil-miktub li l-filmati li jingabru jistghu jintuzaw bhala prova fil-Qorti u li l-kameras addizzjonali jinghataw bi prezz tajjeb, il-Kunsill Lokali jixtri 6 cameras ohra. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Kien hemm qbil unanimu li jinxtraw dawn il-kameras b' dawn il-kundizzjonijiet. (160).

2.3 Il-Kunsillier Philip Said staqsa jekk inghatatx twegiba ghad-Draft Management Letter lill-Awditur Generali. Is-Sindku wiegeb li r-riposta nghatat fil-hin. Din ir-risposta giet fformulata mis-Segretarju Ezekuttiv u mill-Accountant tal-Kunsill. Is-Sindku kompla jispjega li f' dan l-istadju l-management letter hija draft biex jigu ccarati l-queries tal-awdituri biex imbaghad dawn, kemm-il darba jigu mwiegba ghas-sodisfazzjon tal-Awdituri, jitnehhew mill-Management Letter finali. Is-Sindku qal li bhal bosta Kunsilli ohra l-Kunsill taghna rcieva management letter twila hafna u fl-opinjoni tieghu l-awdituri dahlu f' affarijiet li ma kellhomx ghalfejn jidhlu fihom bhall-hlas tal-onorarja lill-Kunsilliera fejn l-awdituri kienu qed jinterpretaw il-Memo realttiva ad litteram u qed jitolbu li l-onorarja ma tithallasx lil dawk il-Kunsilliera li ma jttendux ghal-laqghat. Huwa kompla jghid li dan ma jaghmilx sens ghax il-Kunsilliera jaghmlu x-xoghol taghhom aktar barra mill-ambitu tal-laqghat formali bil-kuntatt kontinwu mar-residenti.

2.4 Il-Kunsillier Philip Said xtaq juri l-apprezzament tieghu ghall-fatt li l-librerija ta' Haz-Zebbug ma dametx maghluqa minhabba li nstabet librara gdida bil-ghajnuna tal-Librerija Centrali.

2.5 B'referenza ghall-PC10/14 li kienet giet diskussa fil-laqgha precedenti, is-Sindku qal li n-Nutar li gie mqabbad mill-Kunsill, kien ipprezenta rapport dwar il-kuntratti tal-proprjetajiet affetwati fi Triq Lazzru Pisani, li gew ipprezentati lill-Kunsill.

Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-laqgha taqa' fi stadju ta' kumitat fis 7:10pm. Il-laqgha tkompliet fis-7:30pm.

Is-Sindku Alfred Grixti ppropona dan li gej:

Il-kunsill jirrikonoxxi lis-sidien ta' dawn il-proprjetajiet f'din il-parti tat-Triq Lazzru Pisant, u dan wara li l-istess Kunsill lokali rcieva kopja ta' dawn il-kuntratti kif prezentata min-nutara rispettivi ta' kull proprjetarju li huma

Proprjeta ndikata f'Dokument A – Nutar Nicola Said

Proprjeta ndikata f'Dokument B – Nutar Philip Saliba

Proprjeta ndikata f'Dolument C – Nutar Mario Bugeja

Proprjeta ndikata f'Dokument D – Nutar Michela Sammut

Proprjeta ndikata f'Dokument E – Nutar Pierre Attard

u ghalhekk jirrisolvi li jaghti in-''no objection'' ghall-PC10/14 tal-MEPA.

Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittiehed vot.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius u l-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Philip Said, Catherine Sammut, Cain Grech

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet (160)

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien gie intervistat mill-gurnalista Ivan Camilleri, liema intervista hadet madwar 25 minuta. L-intervista kienet dwar it-tibdil ta l-ID cards. Pero' l-artiklu li deher fil-gazzetta ''The Times'' tat-30 ta' Lulju 2014 ma kienx iffukat dwar it-tibdil ta' l-ID cards. Ghaldaqstant is-Sindku qal li fil-futur ser jibda jitlob il-mistoqsijiet bil-miktub u jibghat ir-riposti taghhom bil-miktub ukoll, sabiex ma jkunx hemm misinterpretazzjonijiet.

3.2 Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien ghadu kif ircieva lura gieh Haz-Zebbug li kien nghata lil Michael Bonnici. Is-Sur Bonnici qal li ma jhossux komdu li jzomm Gieh Haz-Zebbug minhabba li nbidel l-isem ta' Triq l-Isqof Caruana. Is-Sindku qal li jirrispetta d-dritt tas-Sur Bonnici ghall-fehma tieghu imma ma jaqbilx mad-decizjoni tieghu.

3.3 Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien ircieva petizzjoni mir-residenti tat-Triq it-12 ta' Mejju fejn dawn qed joggezzjonaw ghat-tibdil fl-uzu tal-proprjeta ta' Emanuel Agius fl-istess triq. Dan is-sit inkera lill-terzi u dawn min-naha taghhom qeghdin jipparkjaw u jahslu l-iscammels f'din il-proprjeta. Il-kerrejja sahansitra tellghu *boundary wall* u saqqfu l-bitha.

Is-Sindku qal li l-gurnata ta' qabel il-laqgha, izda wara l-prezentazzjoni ta' din il-petizzjoni, rapprezentant tar-residenti kellem lil Emanuel Agius u dan tal-ahhar min-naha tieghu qal li ma jixtieqx johloq inkonvenjent. Ghaldaqstant ir-residenti qed jissospendu t-talba taghhom bi hmistax-il gurnata halli jaraw jekk ikunx hemm zviluppi pozittivi ohra.

3.4 Is-Sindku Alfred Grixti semma d-decizjoni li kienet ittiehdet f'xi laqgha precedenti dwar il-kumpens tal-hsarat strutturali li kellha d-dar tas-Sur Charles Agius gewwa Vjal il-Helsien. Is-Sindku rega' fakkar li l-ammont li kienet ser jinghata huwa n-nofs l-ammont li acceta li kien ser jigi mnaqqas mill-ammont dovut mill-Kunsill lill-Med Design.

3.5 Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-madum tal-pavimentar ta' Vjal il-Helsien jinhass jiccaqlaq meta persuna tkun ghaddejja miexja fuqu. L-istess jinghad ghax-*shades* tal-arbli tad-djar li minhabba l-kundizzjoni tal-pjanca tal-fanal, qed jinqata' ta'spiss il- fuse.

Il-Kunsilliera prezenti waslu fi qbil unanimu (161) li:

1. Il-Perit tal-Kunsill jitqabbad jhejji rapport dwar il-madum li hemm mpoggi fuq il-bankina, kif ukoll soluzzjoni sabiex dan il-madum ma jibqax jiccaqlaq
2. Il-Kuntrattur li kien inkarigat mill-installazzjoni tad-dawl, jhejji rapport b'ritratti jekk jista jkun ta' kull fanal, filwaqt li joffri soluzzjoni.

3.6 Is-Sindku semma' korrispondenza li baghat Adrian Mifsud, il-persuna li hija nkarigata mill-Progett Pilota dwar *Performance Management.* Sabiex il-Kunsill jkun jista' jippartecipa f'dan il-progett pilota jehtieg li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'ghandux ghalxhiex jibza' mill-*performance indicators*. In-nies jippretendu hafna mill-Kunsill pero' l-Kunsill ghandu l-limitazzjonijiet finanzjarji tieghu. Sar qbil unanimu li l-Kunsill Lokali jippartecipa f'dan il-progett pilota (162).

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1 Is-Sindku Alfred Grixti talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jsemmi liema kienu dawk it-tenders li skadew.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li bhalissa dawn it-tenders kienu skadew (kopja tinsab annessa)

1. Tindif ta Zoni mhux Urbani
2. Manutenzjoni Streetlighting
3. Tindif Soft Areas
4. Tiswija ta' Toroq Urbani
5. Perit tal-Kunsill
6. Events & Marketing Co-Ordinator
7. Accountant tal-Kunsill
8. Servizzi ta' Printer

Is-Sindku ppropona li ssir estensjoni ta' dawn it-tenders prezenti kollha bil-*proviso* li:

i. dawk li qed jistennew li jigu aggudikati, l-aggudikazzjoni taghhom issir sa' l-ahhar ta' Settembru

ii. dawk li ghadhom ma nhargux, jinhargu bejn Ottubru u Novembru sabiex sa' l-ahhar tas-sena jigu aggudikati

Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius u l-Kunsilliera Philip Said, Catherine Sammut, Cain Grech

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** u l-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina

Il-mozzjoni ghaddiet (161).

4.2 Wara li l-Kunsilliera kienu mistoqsija jekk kienx hemm xi nformazzjoni li xtaqu jkun jafu dwar il-Vot tal-Flus, ittehed vot. Il-Vici Sindku Thomas Agius astjena mill-Vot ghall-Punt nru. 1 u nru. 5. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina astjena mill Vot ghall-Punt nru 1, 7 u 8. Is-Sindku Alfred Grixti ppropona il-vot tal-flus kif prezentat. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Il-Kunsilliera kollha kienu favur li l-pagamenti jigu prezentati kif indikat fil-lista bir-riservi tal-Vici-Sindku Thomas Agius u l-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina. (162)

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius u l-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Philip Said, Catherine Sammut, Cain Grech

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet (162)

## 5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

5.1 Is-Sindku Alfred Grixti pogga fuq il-mejda rendikont dwar kemm ingabru sponsorships minn attivitajiet li kienu organizzati kemm ilu jiehu hsieb l-attivitajiet kulturali l-M & E Management. Din il-lista tinsab mehmuza ma' dawn il-minuti. Il-Kunsillier Philip Said, waqt li talab kopja ta' dan id-dokument, ikkummenta li l-magazin tal-Kunsilli li kien ghadu kif gie ppubblikat u jitqassam kien xhieda tal-hidma mwettqa mill-kuntrattur partikolari f' dan ir-rigward.

5.2 Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien ghadu kif intlahaq ftehim mal-Institute of Compuer Education - ICE Centre li jinsab Haz-Zebbug. Dan il-ftehim jorbot lil din il-kumpanija li taghti Eur 16,000 mferrxa fuq sitt snin. Dawn il-flus ghandhom jintuzaw sabiex jibda jigi zviluppatt il-Heritage Trail f' Haz-Zebbug.

## 6. AĠĠORNAMENT

Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa ghall-4 ta' Settembru 2014 fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8:45 pm.

| | |
|---|---|
| **Alfred Grixti** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thimas Agius | Vici-SIndku |